**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 5/01***

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Joseph Spiteri***

Illum 2 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** (semplici) tad-droga **eroina** u recidivita'– *riferibbilment ghall-16 ta' Jannar 1997 u fl-ahhar gurnata qabel din id-data.*

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-**fedina penali nadifa** tal-imputat u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-ewwel akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella ghal zmien tnax il-xahar*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-

kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

In fine il-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***